MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 40/1992/1

**Citazzjoni numru 40/1992**

**MaryAnn mart Emanuel Terribile u l-istess Emanuel Terribile bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu**

**-vs-**

**Carmel Agius, Ursula mart Francis Buttigieg u l-istess Francis Buttigieg**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi wara li ppremettew illi fis-7 ta Awissu tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991), l-attrici Mary Ann Terribile, kienet riekba bhala front passenger fil-vettura Skoda numru F-7616, misjuqa mill-konvenuta Ursula Buttigieg u dana filwaqt li kienu hergin

mit-triq ta’ Ta’ Pinu limiti ta’ l-Gharb, Ghawdex fid-direzzjoni ta’ Victoria.

Illi fid-daqqa u l-hin il-vettura misjuqa minn Ursula Buttigieg habtet ma’ truck Dodge numru C-9447 ipparkjat mill-konvenut l-iehor Carmel Agius mal-genb tat-triq f’dik il-parti fejn it-triq hi dejqa u milwija, u ghalhekk l-istess truck kien qieghed jaghlaq il-karreggjata ta’ l-utenti tat-triq li kienu hergin mid-direzzjoni tal-Knisja ta’ Pinu, lejn id-direzzjoni ta’ Victoria.

Illi mal-habta l-imsemmija Ursula Buttigieg intilfet minn sensieha, tilfet il-kontroll tal-vettura li spiccat maqluba f’ghalqa ma’ genb u taht il-livell tat-triq.

Illi l-incident imsemmi gara unikament minhabba n-negligenza, traskuragni u nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti, jew ta’ min minnhom.

Illi l-atturi debitament interpellaw lill-konvenuti sabiex jaddivjenu ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ kumpens dovut lill-atturi bhala hsara li garrbet l-attrici MaryAnn Terribile fuq il-persuna taghha kif ukoll in-nuqqas ta’ qliegh li tilfet jew sejra titlef minhabba dan l-incident izda dawn baqghu inadempjenti.

Talbu li din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, unikament responsabbli ta’ l-incident stradali fuq imsemmi u ghalhekk ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi.

2. Tillikwida, okkorrendo b’opera ta’ periti nominandi l-kumpens dovut lill-atturi kif fuq inghad;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, ihalsu lill-atturi l-ammont ta’ kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tal-25 ta’ Jannar 1992 kollha kontra l-konvenuti, li jibqghu minn issa imharkin ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti debitament guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Ursula Buttigieg u Francis Buttigieg fejn eccepew:

1. illi ghall-incident huwa responsabbli l-konvenut l-iehor Carmel Agius billi kien dan li halla t-truck Dodge numru C-9447 ipparkjat hazin b'mod illi jaghlaq il-karreggjata tal-konvenuta eccipjenti fid-dlam u f'parti tat-triq fejn minhabba liwja li kien hemm kwalunkwe ostaklu fil-karreggjata jiehu lis-sewwieq sorpriza kif gara fl-incident in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Agius fejn eccepixxa:

1. illi huwa qieghed jikkontesta bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt it-talbiet attrici u dan ghaliex huwa b'ebda mod ma kien responsabbli ghall-incident li wassal ghal din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta (fol 17) fejn innominat lill-Avukat Grazio Mercieca bhala perit legali;

Ezaminat ir-relazzjoni ta' l-abbli perit legali (fol 67 et seq);

Ezaminat ix-xhieda;

Rat il-verbal taghha tat-3 ta' Marzu 2004;

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-konvenut Carmel Agius;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Din hi kawza ghad-danni li l-attrici qeghdha tirreklama li sofriet f'incident awtomobilistiku waqt li kienet riekba fuq quddiem bhala passiggiera u l-vettura, li fiha kienet riekba, habtet ma' trakk stazzjonarju. Ma' l-impatt il-vettura spiccat fuq in-naha opposta tat-triq f'ghalqa wara li kienet inqalbet xi tliet darbiet. Jirrizulta li konsegwenza ta' l-incident l-attrici sofriet dislokazzjoni tal-gog u l-persentagg ta' dizabilita' permantenti giet kalkulata fil-persentagg ta' tlieta fil-mija.

L-attrici esperiet din l-azzjoni kontra s-sewwieqa tal-vettura, ossia Ursula Buttigieg u kontra Carmel Agius li jirrizulta kienet il-persuna li halliet t-trakk stazzjonarju fl-imsemmija triq;

Illi l-abbli perit legali nominat mill-Qorti kif diversament preseduta kkomputa l-ammont ta' lucrum cessans ghal hames mija u disgha u disghin lira Maltin (Lm599) u alloka ghoxrin fil-mija tat-tort fuq il-konvenuta Ursola Buttigieg. Ma sab ebda tort u negligenza fil-konvenut l-iehor billi spjega li r-rimanenti tmenin fil-mija kienu dovuti ghan-negligenza ta' terz mhux fil-kawza, ossija dak li kellu l-obbligu jhott it-trakk u jpoggih fl-ghalqa. Hu spjega l-fattur tar-responsabbilita' fil-parti saljenti tar-rapport tieghu, f'dawn it-termini:

"il-konvenuta Ursula Buttigieg ukoll kkontribwiet ghall-incident, izda l-grad ta' responsabbilita' taghha huwa ferm izghar minn dak tat-trakk. Tabilhaqq illi l-vizwali taghha ma setghetx testendi tul it-triq kollha fil-parti dritta taghha, imma kienet limitata ghat-tul kkonsentit mil-lampi tal-karozza taghha, li kienu mixghulin u aktarx baxxuti - dipped - minhabba li minn hin ghall-iehor kienu gejjin karozzi mid-direzzjoni opposta u ghalhekk Buttigieg ma

setghetx thalli d-dawl fuq il-“bright” almenu zgur mhux il-hin kollu. Il-vizwali kienet ukoll limitata mill-bieba mnizzla tghatti r-reflectors [tat-trakk], mid-dawl tal-karozzi gejjin mid-direzzjoni opposta, minn nuqqas ta’ street lights, kif ukoll minn nuqqas ta’ dawl naturali tant li mhux ikkontestat li kien hemm dlam cappa. Ma hemmx dubbju ukoll li Buttigieg kienet qeghdha issuq bi speed ferm moderat. Izda min-naha l-ohra indunat tard wisq bit-trakk. Hija stess issemmi li ndunat bih minn cikra tmien piedi boghod”. Fil-konfront tal-konvenut Carmel Agius spjega illi “huwa saq it-trakk mghobbi bil-kaxxi vojta minn Malta ghal Ghawdex, ipparkja t-trakk meta kien ghadu d-dawl kif kien xoghlu illi jaghmel fuq inkarigu lilu moghti minn sid it-trakk li tieghu (ossija l-kumpanija kummercjali tieghu) huwa kien impjegat, u telaq lura lejn Malta. Minn hemm ir-responsabbilta’ ghat-trakk waqghet fuq Wenzu Vella li kellu jhott il-kaxxi [u jdahhal it-trakk fl-ghalqa]” - vide fol 95.

Issa eliminata l-kwistjoni dwar il-kwantum tad-danni sofferti mill-attrici li tabilhaqq gie pruvat li soffriet dizabilita’ permanenti fuq il-persuna taghha konsegwenza ta’ l-incident meritu din il-kawza, Dak li din il-Qorti ghandha tezamina in konkluzjoni ta’ dan il-gudikat hu jekk u f’liema grad tezisti r-responsabilta’ tal-konvenuta Ursula Buttigieg. F’dan il-kuntest m’hemmx kontestazzjoni li hi kienet is-sewwieqa tal-vettura li habtet mat-trakk. Hu pacifiku ukoll r-responsabbilta’ taghha ghandha tigi ricerkata filli jigi stabbilit x’kienet il-kawza prossima u immedjata ta’ l-incident.

Illi din il-Qorti mill-assiem tal-provi m’ghandhiex titubanza tghid li ghall-incident certament ikkontribwixxa s-sewqan tal-konveuta Buttigieg li naqset li tosserva dak li kien messa osservat, u cioe’ t-trakk, u dana principalment ghaliex, fil-fehma tal-Qorti, hi kienet qeghdha ssuq triq imdalma, u wara li kienet immanuvrat liwja, bid-dawl dipped fil-waqt li t-trakk kien metri ‘l hemm minn din il-liwja. Ikkontribwixxa ukoll it-trakk li thalla stazzjonarju fl-imsemmija triq minghajr l-inqas sinjal, almenu hekk indikaw il-provi, u b’hekk naqas fl-obbligu tad-diligenza impost fuqu mir-regolamenti li almenu jhalli sinjal li jindika

l-prezenza tieghu fuq it-triq. Jghid f'dan il-kuntest l-Artikolu 1033 tal-Kodici Civili illi "kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk".

Illi tenut kont ta' dan kif appena nghad u wara li qieset ic-cirkostanzi u l-fatturi kollha din il-Qorti jidhrilha li r-responsabbilita ghandha tigi allokata fuq il-konvenuta Buttigieg u terzi li pero' mhux fil-kawza fil-persentagg ta' nofs kull wiehed. Dan ifisser li l-konvenuta Buttigieg ghandha tirrizarcixxi lill-attrici nofs l-ammont tal-lucrum cessans rizultanti u cioe' s-somma ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300).

Ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi:

i. fil-konfront ta' l-ewwel talba ta' l-attrici tiddikjara l-konvenuta Buttigieg responsabbli kwantu ghall-hamsin fil-mija ghall-incident;

ii. kwantu t-talbiet l-ohra tillikwida l-ammont dovut bhala kumpens lill-attrici fis-somma ta' hames mija u disgha u disghin lira Maltin (Lm599) u tikkundanna lill-konvenuta Buttigieg thallas lill-attrici l-ammont ta' tliet mitt lira Maltin (Lm300);

iii. tichad it-talbiet ta' l-attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor Carmel Agius.

Ghal dawk li huma spejjez gudizzjarji l-konvenuta Buttigieg ghandha thallas nofs l-ispejjez izda eskluzi dawk tal-konvenut l-iehor Carmel Agius li ghandhom jibqghu a karigu ta' l-attrici li ghandha ssofri l-ispejjez l-ohra kollha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------